Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 29 ta' Mejju 2025**

**Kump. Nru. 8903/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andrew Agius Bonello)**

**Versus**

**Marco Pisani**
**(560682M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Marco Pisani**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 560682M.

1. Akkuzat talli nhar il-5 ta' Settembru 2024 f'xi hin bejn is-siegha u nofs ta' filghodu (01:30hrs) u s-saghtejn u nofs ta' filghodu (02:30hrs) f'dawn il-Gzejjer kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr N. Sant Lia LL.D.) b'digriet datat 6 ta' Settembru 2022 li permezz tieghu inghata l-helsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux izjed tard mill-hdax ta' filghaxija (23:00) u ma johrogx minn hemm qabel is-sitta tal-ghada filghodu (06:00hrs).

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena skont il-ligi, tordna r-revoka 'contrario imperio' tad-digriet li bih Marco Pisani nghata l-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat u kif ukoll tordna li s-somom bhala depozitu u garanziji personali, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2025, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi rat illi din l-akkuza hija wahda li sehhet minhabba cirkostanzi illi l-imputat ma kellux kontroll fuqhom u ghalhekk m'hijiex ser tordna ir-re-arrest tal-imputat u lanqas il-konfiska ai termini ta' l-Artikolu 579(1).

Illi l-Prosekuzzjoni rigward il-piena ssottomettiet illi multa hija l-aktar piena idonea fic-cirkostanzi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 11, 31 u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Marco Pisani hati ta' l-akkuza migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' hames mitt Euro (€500.00).

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat fil-kaz odjern.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**